

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 254/2016****tat-2 ta' Diċembru 2016****li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar koperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet [2018/1190]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE tiġi estiża biex tinkludi d-Deċiżjoni (UE) 2016/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat <sup>(1)</sup>.
- (2) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' sseħħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-test tal-Artikolu 15(9) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jinbidel b'dan li ġej:

"L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fil-kooperazzjoni prevista fl-atti tal-UE li ġejjin:

— **32014 D 0573**: Id-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' April 2014 dwar kooperazzjoni mtejba bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 32).

L-Istati tal-EFTA għandhom ikunu parteċipanti sħaħ, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-Bord tan-Netzwerk.

— **32016 D 0344**: Id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 12)."*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 3*Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

<sup>(1)</sup> ĠU L 65, 11.3.2016, p. 12.

(\*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.